MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 377/2005

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs**

**WORLD WIDE WEB MANAGEMENT LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' April, 2005, li bih is-soċjeta' attriċi talbet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 17 ta' Mejju 2002 (Dok "A"), is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilita' bankarja lis-soċjeta' konvenuta World Wide Web Management Limited;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta World Wide Web Management Limited fis-somma ta' flus f'munita Maltija ekwivalenti għal Dollari Amerikani sbatax-il elf , erba' mija u sebgħin, punt sebgħa ħamsa (USD

17,470.75) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Account” tas-soċjeta’ World Wide Web Management Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-30 ta’ Jannar 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija, fl-imsemmija skrittura privata datata 17 ta’ Mejju 2002 fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dokument “A”) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi s-soċjeta’ World Wide Web Management Limited (a) naqset milli tħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kienet inadempjenti f’obbligi oħra minnha assunti fl-istess skrittura sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess soċjeta’ konvenuta World Wide Web Management Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi u b’hekk il-konvenuti iddekadew mill-benefiċju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tiegħu f’daqqa;

Illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata permezz ta’ ittra uffiċjali datata 4 ta’ Novembru, 2003, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok “C”, sabiex tħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda din baqgħat inadempjenti.

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjeta’ World Wide Web Management Limited (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mitteni kif stipulati fl-imsemmi skrittura, (b) kienet inadempjenti f’obbligi oħra minnha assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuta World Wide Web Management Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi.

2. Tikkundanna lis-soċjeta' World Wide Web Management Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' flus f'munita Maltija ekwivalenti għal Dollari Amerikani sbatax-il elf, erba' mija u sebgħin, punt sebgħa ħamsa, (USD17,470.75) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' World Wide Web Management Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-30 ta' Jannar 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 9 ta' Settembru, 2004 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tippreżenza nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien lilha mogħti mill-liġi u hekk baqgħet kontumaċi billi wkoll naqset milli tidher meta ssejħet il-kawża;

Rat ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi kif joħorġu mill-atti tal-kawża;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni u għalhekk tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt elef, u wieħed u ħamsin Liri Maltin u tlieta u sebgħin ċenteżmu (Lm6,051.73) ekwivalenti għal Dollari Amerikani sbatax-il elf, erba' mija u sebgħin punt sebgħa ħamsa (USD17,470.75) flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-23 ta' Jannar 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------